# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**Papa Nikola V**





Iz-zmien tar-Rinaxximent sab f' Nikola V, il-persuna adatta biex jimxi 'l quddiem b'heffa kbira. Kien patrun entusjasta ta' l-artisiti, skulari u nies ta' kwalifika. Il-Papa Nikola V hadem bis-shih biex johloq atmosfera ta' arti fil-qorti papali.

Tumas Parentucelli twieled f'Novembru 15, tas-sena 1397, probabilment gewwa Sarzana fil-Ligurja. Iben ta' tabib fqir li miet waqt li Tumas kien ghadu tfajjel, kellu ta' bilfors jitlaq l-istudju biex jaghmilha ta' tutur fil-familji nobbli Fjorentini.

Meta spicca mill-kors gewwa Bolonja huwa sar parti mill-haddiema fil-kurja ta' l-isqof Nikola Albergati. Wara li gie ordnat sacerdot Tumas mar ma' l-imghallem tieghu fejn Albergati gie mahtur kardinal. L-gherf tieghu ghenu hafna f'negozjati delikati mal-Griegi gewwa Firenze. Dan kien pass li tah spinta 'l quddiem biex jilhaq fi gradi aktar gholjin. Mahtur isqof ta' Bolonja fis-sena 1444, kardinal fis-sena 1447 u elett papa fis-sena 1447. Ha l-isem ta' Nikola V.

Huwa kellu successi brillanti. Wasal fi ftehim ma' l-imperatur Frederiku III fis-sena 1448 permezz tal-konkordat ta' Vienna u temm darba ghal dejjem kull possibilita' ta' ghajnunja imperjali ghax-xizmatici gewwa Basilea. Fis-sena 1449 l-anti papa Felic V irrezenja. Minhabba li kellu karattru ta' tjieba ghamel is-sottomissjoni hafifa ghal kulhadd.

L-imperatur Frederiku III nizel Ruma fis-sena 1452 biex ikun nkurunat minn Nikola. Kien l-ahhar imperatur li kellu jkun inkurunat. Fis-sena 1450 il-papa pproklama gubilew u Ruma ntliet pellegrini. Nikola V hadem biex igib 'l quddiem ir-riforma. Huwa baghat fuq missjoni lil Kardinal Nikola minn Cusa u lil qaddis Frangiskan San Gwann minn Capistrano biex jahdmu ghar-riforma fil-Germanja. Sfortunatament Nikola ikkontribwixxa biex inissel mundanita fil-qorti papali billi impjega nies brillanti bhala Lorenzo Valla, Pozzio u Fileflo imma anke wkoll kittieba li ma kienx jixraqilhom isem ta' kittieba.

Il-Papa Nikola V kien il-fundatur tal-librerija Vatikana. Taht it-tmexxija tieghu kull artist u kittieb sab il-kenn biex jizvolgi l-hiliet tieghu. Imma fost din il-glorja kollha zewg grajjiet sewwdulu qalbu ghal ahhar. Wahda kienet il-waqa' ta' Kostantinopli. Filwaqt li l-Punent kien kollu kalma Mohammed kien qed ikisser u jgib fix-xejn l-imperu ruman fil-lvant. Ghen kemm seta' izda l-ghajnuna tieghu ma kienitx bizzejjed u f'waqtha. Grajja ohra kienet meta Stiefnu Parcaro ghamel kospirazzjoni biex iwaqqa' lill-Papa. Ghalkemm il-pjan gie mikxuf u mwaqqaf, Nikola V hassu imbezza'. Huwa spiss kien jhossu marid matul is-snin ta' bejn 1453 u 1455.

Huwa miet fil-15 ta' Novembru 1455 b'ghajnejh iffisati fuq il-Kurcifiss.